

# Il-Kult lejn San Filippu Neri fir-raħal tal-Qrendi

Is-Sur Nicholas Azzopardi

L-iskop ta' dan l-istudju huwa li jispjega fil-qosor l-istorja tal-kult lejn San Filippu Neri fir-raħal tal-Qrendi u r-rabta bejn dan il-Qaddis u l-Venerabbli Konfraternità tal-Beata Verġni Immakulata ta' Lourdes. Meta l-Kappillan Dun Pietru Pawl Xuereb fl-1878 waqqaf l-Venerabbli Konfraternità tal-Beata Verġni Immakulata ta' Lourdes ġewwa l-Qrendi huwa għażel lil San Filippu Neri biex ikun il-Protettur ta' din il-Konfraternità ġdida.



Hawnhekk forsi tiġina f'moħħna din il-mistoqsija; "Fuq liema kriterju, il-Kappillan Xuereb għażel lill-qaddis San Filippu Neri biex jieħu ħsieb spiritwalment din il-Konfraternità li kienet it-tarbija tiegħu?" Għalkemm bħall-qaddisin l-oħra kollha tal-Knisja Kattolika, San Filippu Neri kellu devozzjoni kbira lejn Marija Santissima, mhemmx rabta diretta bejn San Filippu Neri u l-Madonna ta' Lourdes. Madankollu naħseb li kien hemm rabta bejn il-qaddis San Filippu Neri u l-Kappillan Dun Pietru Pawl Xuereb. Hawn irridu niftakru li Dun Pietru Pawl Xuereb kien mill-Isla.

**Knisja ta' San Filippu fl-Isla**

Fl-Isla hemm knisja ddedikata lill-Madonna ta' Portu Salvu (liż-Żjara tal-Verġni Marija lil Santa Elizabetta). Fl-1596 inbniet knisja ċkejkna faċċata tad-daħla tal-port iddedikata lill-Madonna tal-Portu Salvu, għax lilha kienu jitolbu l-baħrin u l-kavallieri huma u sejrin jattakkaw l-iġfna u d-dgħajjes mgħobbija merkanżija tal-Misilmin. Il-baħrin kienu jħarsu lejn ix-xbiha tagħha mnaqqxa fil-ġebel fuq il-faċċata tal-knisja, u jitolbuha li jerġgħu lura lejn il-port qawwijin u sħaħ.

Fl-1662 grupp sabiħ ta' qassisin Sengleani devoti, li riedu jgħixu taħt ir-regolamenti tal-Oratorju ta' San Filippu Neri, kisbu l-permess biex iwaqqgħu l-knisja l-antika li kienet saret żgħira u jibnu oħra flokha wisq isbaħ u akbar. Dawn bdew jissejħu Filippini jew Oratorjani, u għalhekk il-knisja bdiet ukoll tissejjaħ 'ta' San Filippu'. Il-knisja ma nbnietx kollha f'salt.

Bis-Saħħa ta' dan, fl-Isla twaqqaf l-Orotorju ta' San Filippu Neri li ieħor bħalu kien hemm ieħor fil-Birgu, għad li dak ewlieni kien dak tal-Isla. Il-binja li hemm l-Isla hi tassew waħda arkitettonikament sabiħa, u l-knisja li hemm magħquda mal-Orotorju hi artistikament fenomenali. Dawn l-Orotorji mwaqqfa minn San Filippu Neri kienu prattikament kunventi li fihom il-membri qassisin djoċesni kienu jgħixu mingħajr irbit ta' regoli formali. Fil-fatt ma kellhomx regola partikolari li tgħaqqadhom. Kienu jiffurmaw għaqda ta' predikaturi mħarrġin sewwa tant li nsibu li dawn il-qassisin djoċesani kienu jgawdu popolarità kbira ta' predikaturi magħrufa. Dawn il-qassisin kienu jkunu mistiedna biex, permezz tal-predikazzjoni, jħejju spiritwalment il-poplu tal-parroċċa qabel tibda kull żjara pastorali ta' xi isqof. Fl-1928, miet l-aħħar Oratorjan, Dun Angelo Raggio u l-Isqof ta l-knisja f'idejn il-kleru Djoċesan.

**Min kien San Filippu Neri?**

San Filippu Neri kien wild il-familja nobbli ta' Franġisku di Neri li kien avukat, u Lucrezia da Mosciano. San Filippu Neri twieled nhar il-21 ta' Lulju, 1515, ġewwa Firenze. Huwa ħa l-edukazzjoni tiegħu għand il-patrijiet Dumnikani ta' San Marco ġewwa Firenze. Meta għalaq it-18-il sena, Filippu Neri ntbagħat għand zijuh Romolo, li kien negozjant għani, b'negozju sejjer tajjeb fil-belt ta' San Gennaro ġewwa Napli, u kien jgħix qrib ħafna ta' Monte Cassino. San Filippu Neri kien żagħżugħ fuq tiegħu ħafna u kien ukoll mogħti għad-dinja. Imma ġara li meta kien Napli għex esperjenza

spiritwali ta' viżjoni mistika tant qawwija li bidlitlu ħajtu ta' taħt fuq.

Wara li għex din l-esperjenza spiritwali huwa telaq lejn il-Belt Eterna, Ruma. F'Ruma huwa ntefa' b'ruħu u ġismu jgħin lill-morda u l-foqra. Beda wkoll jaħdem pastoralment qalb il-prostituti li sfortunatament kienu għadd kbir ħafna, u beda jgħinhom kemm jista' biex ibiddlilhom ħajjithom u ma jibqgħux jgħixu f'ħajja mimlija miżerja u jbigħu ġisimhom għall-pjaċiri sesswali. Ħafna drabi l-prostituzzjoni hi frott tal-faqar u l-miżerja, u San Filippu Neri kien jipprova jgħinhom biex jinqalgħu minn dan l-istat ta' faqar u jerġgħu jiksbu d-dinjità tagħhom. Fl-1538, San Filippu Neri beda ħidma pastorali ġdida għal dak iż-żmien. Din il-pastorali kienet tikkonsisti fi żjajjar għand familji jew kif kien isejħilha hu "Ħidma Missjunarja fid-Djar". Għall-sbatax-il sena sħaħ għex bħala bniedem lajk. Insibu li fl-1544, San Filippu Neri ltaqa' mal-fundatur tas-Soċjetà ta' Ġesù, magħrufa bħala l-Ġiżwiti, San Injazju ta' Lojola. Fl-1548, flimkien mal-konfessur tiegħu Dun Persino Rossa waqqaf il-Konfraternità tat-Trinità Qaddisa. L-għan ewlieni ta' din il-konfraternità kienet biex tingħata għajnuna spiritwali u materjali lil dawk il-pellegrini li kienu jżuru l-belt ta' Ruma, b'mod partikolari dawk il-pelligrini li kienu jżuru Ruma fis-snin tal-ġubilari. Ħafna drabi matul iż-żjara tagħhom dawn il-pellegrini kienu jimirdu u meta jidħlu l-isptar għall-kura kienu jaraw x'jagħmlu biex jeħilsu minnhom kemm jista' jkun malajr, anki jekk kienu jkunu għadhom morda. Il-membri ta' din il-Konfraternità kienu jinġabru jitolbu fil-Knisja ta' San Salvatore in Campo. Kien proprju minn din il-knisja li twieldet id-devozzjoni Ewkaristika tal-Kwaranturi, jiġifieri 40 siegħa ta' adorazzjoni ma taqta' xejn quddiem Ġesù Sagramentat Espost għall-qima tal-fidili. Id-devozzjoni tal-Kwaranturi xterdet ġewwa Ruma u minn Ruma għaddiet f'ħafna pajjiżi fosthom ukoll ġewwa Malta.

Kien fis-sena 1551 li San Filippu Neri beda t-triq lejn is-saċerdozju. F'dik is-sena huwa rċieva l-ordnijiet minuri u wara d-Djakonat. Fit-23 ta' Mejju tal-istess sena kien ordnat saċerdot. Għall-bidu beda jħammem jekk imurx missjunarju ġewwa l-Indja, imma jidher li saret pressjoni kbira fuqu biex ma jitlaqx minn Ruma peress li fil-Belt kien hemm ħafna xogħol xi jsir u ma kienx għaqli li jitlaq. Biss bla dubju ta' xejn, l-akbar biċċa xogħol interessanti u sabiħa li waqqaf San Filippu Neri kienu proprju l-Oratorji. Dawn bdew billi hu stess għażel li jgħix ma' sħabu s-saċerdoti ġol-Isptar ta' San Girolamo della Carità. Fl-1556, f'dan il-post waqqaf l-ewwel Oratorju li beda b'laqgħat li kienu jsiru filgħaxija fejn fihom l-imsieħba kienu mhux biss jitolbu, imma wkoll jistudjaw kwistjonijiet pastorali-morali. Wara bdiet il-ħidma tal-predikazzjoni f'ħafna knejjes differenti. Wara l-predikazzjoni, dawn il-qassisin djoċesani bdew ifittxu wkoll il-qrar bħala mezz pastorali partikolari tagħhom. Fl-1553, San Filippu Neri organizza l-ewwel Jum ta' Pellegrinaġġ madwar seba' knejjes ewlenin ġewwa Ruma. Dan telaq mill-Bażilika ta' San Pietru u spiċċa fil-Bażilika ta' Santa Maria Maggiore. It-twaqqif ta' dan l-Oratorju għoġbot mhux ftit lill-amministrazzjoni tal-Knisja Kattolika tant li fil-15 ta' Lulju, 1575, permezz ta' Bolla Papali, dawn il-komunitajiet ta' qassisin sekulari bdew jissejħu Kongregazzjoni tal-Oratorju. Fl-1587, San Filippu Neri kien maħtur superjur ta' dawn l-Oratorji għal għomru. Dawn l-Oratorji kienu awtonomi b'kull wieħed minnhom igawdi tmexxija għalkollox indipendenti tant li meta kien jitwaqqaf Orotorju ġdid kien jikseb ukoll awtonomija awtomatika.

San Filippu Neri kien bniedem ċajtier ħafna, imma kien xejn anqas bniedem għaref. Kien bniedem li kien jgħożż wisq il-ferħ tal-qlub tant li kien jgħid li "qalb ferħana hi ferm aktar qrib tal-qdusija u l-perfezzjoni reliġjuża minn dik il-qalb kollha niket u mrar". Għalhekk, il-poplu ta' Ruma u l-Knisja Kattolika jsejħulu bħala l-Qaddis tal-Ferħ. Huwa miet nhar il-25 ta' Mejju, 1595, fl-għomor ta' 79 sena, f'jum il-festa Ewkaristika ta' Corpus Christi. Fl-1615, il-Papa Pawlu V iddikjarah Beatu waqt li fl-1622, il-Papa Gregorju XV iddikjarah qaddis. San Filippo Neri llum huwa l-padrun tal-belt ta' Ruma.

**Id-devozzjoni lejn San Filippu Neri fir-raħal tal-Qrendi**

Bħala Senglean, Il-Kappillan Dun Pietru Pawl Xuereb kellu kuntatt tajjeb ma' dawn l-Oratorjani li kienu jgħixu l-Isla, u kellu wkoll devozzjoni jew ġibda spiritwali partikulari ħafna lejn dan il-qaddis, tant li ried ukoll jiżragħha fil-parroċċa Marjana fdatha lilu, dik tal-Qrendi. Tant hu hekk li meta fl-1873 Ġużeppi Calleja lesta x-xogħol tal-pittura tas-saqaf tal-Knisja Parrokkjali tal-Qrendi, irregala lill-Kappillan Xuereb pittura f'inkwatru żgħir ta' San Filippu Neri. Il-Kappillan Xuereb ta' dan l-inkwadru lill-Konfraternità ta' Lourdes u ħaseb ukoll li jpoġġieh fuq l-artal ta' San Stiefnu bil-għan li jnissel id-devozzjoni lejn San Filippu Neri fir-rahal tal-Qrendi. Il-lum dan l-inkwatru jinsab fis-sagristija tal-Knisja Parrokkjali.

Għalhekk, biex ikompli jxerred din id-devozzjoni lejn dan il-qaddis il-Kappillan Xuereb għaqdu b'xi mod mal-Venerabbli Konfraternità tal-Beata Verġni Immakulata ta' Lourdes. Meta fil-21 ta' Jannar 1878

l-Arċisqof ta' Malta Carmelo Scicluna laqa' r-rikors tal-Kappillan Xuereb biex titwaqqaf il-Konfraternit Lourdes, il-Kappillan Xuereb għażel lil San Filippu Neri bħala l-Protettur tal-Konfraternità.

**Statwa ta' San Filippu Neri**

Fl-1878, il-Kappillan Dun Pietru Pawl Xuereb qabbad lill-marmista u skultur ewlieni fl-arti statwarja, Gerolamo Darmanin, biex jaħdem statwa proċessjonali ta' San Filippu Neri. Ġlormu Darmanin ta attenzjoni speċjali biex jirriproduċi sew l-espressjonijiet tal-wiċċ tal-qaddis, li ħa mill-maskra post-mortem tal-qaddis li nsibu vvenerata fil-knisja ta' San Filippu fl-Isla. Din il-maskra post mortem, li hija tax-xemgħa, ttieħdet minn fuq il-wiċċ ta' San Filippu Neri stess meta miet. Ġlormu Darmanin żejjen il-knisja tal-Qrendi bi statwa sabiħa ħafna, li hi meqjusa bħala waħda mill-isbaħ statwi ta' San Filippu Neri. Anki jekk ma tkunx tifhem wisq fl-arti, mill-ewwel tintebaħ li din l-istatwa hija ta' ċertu valur. Fil-fatt l-ewwel li jolqtok f'din l-istatwa huwa l-wiċċ sabiħ ta' San Filippu Neri li jisraq il-qalb ta' kull min iħares lejh. Ġlormu kiteb skrizzjoni lejn in-naħa t'isfel tal-istatwa li tgħid "Gerolamo Darmanin Fecit". Dan jikkonferma li din l-istatwa saret minn Ġlormu Darmanin mhux kif inhi t-tradizzjoni li tgħid li għamilha n-neputi tiegħu Karlu Darmanin.

L-istatwa ħallas għaliha s-Sur Joannis Psaila. Dan Joannis Psaila aċċetta li jħallas ukoll il-pedestall tal-injam indurat bid-deheb, il-bankun, il-bradella u n-niċċa. Il-pedestall indurat bid-deheb għandu



żewġ armi, waħda ta' San Filippu Neri u l-oħra tal-kunjom Psaila. Mal-arma tal-kunjom Psaila hemm skrizzjoni li tgħid "Expensis Joannis Psaila tal-Nubell A.D. 1878". Din tikkonferma li l-istatwa ta' San Filippu Neri saret fl-1878 u ħallasha Joannis Psaila.

Il-Konfraternità ta' Lourdes ħadet ħsieb tagħmel raġġiera tal-fidda madwar ras San Filippu li swiet is-somma ta' 30 skud 9 taren u 3 grani. Għal din ir-raġġiera il-Konfraternità ta' Lourdes ġabret is-somma ta' 41 skud 7 taren u 16-il grani minn bejgħ ta' oġġetti votivi lid-ditta ta' arġentieri Canattaci. Il-Konfraternità ta' Lourdes ħallset ukoll is-somma ta' 27 skud biex il-pjaneta tal-qaddis tiġi ndurata bid-deheb. Barra minnhekk il-Konfraternità ta' Lourdes ordnat erba' gastri tal-injam bil-fjuretti għall-istess statwa għall-prezz ta' 15-il skud.

Il-Kappillan Xuereb poġġha l-istatwa ta' San Filippu Neri ħdejn il-bieb prinċipali tal-Knisja tal-Qrend u kienet toħroġ proċessjonalment flimkien mal-istatwa artistika tal-Beata Verġni Immakulata ta' Lourdes. Hawn ta' min isemmi li San Filippu Neri kellu wkoll il-Fratelli li kienu jieħdu sehem fil-purċissjoni fil-Festa ad unur il-Beata Verġni Immakulata ta' Lourdes. Il-fratelli ta' San Filippu Neri kienu jilbsu konfratija bajda bil-pjiegi, b'ċintorin abjad u kuruna ċelesti ċara tal-medreperla madwar il-qadd. Fuq il-konfratija, il-fratelli kienu jilbsu l-mozzetta ċelesti ċara.

Fis-snin ta' wara, il-Kappillan Xuereb ħa ħsieb li jikkommissjona wkoll bandalora u surġentina tal-fidda li fuqhom iġibu l-immaġni ta' San Filippu Neri. Is-surġentina tal-fidda tħallset mis-Sur Michelino Fenech.

**Gerolamo Darmanin – Min kien?**

Gerolamo Darmanin, imsejjaħ wara missier ommu, twieled l-Isla fit-12 ta' Ġunju 1834. Fl-istess jum ġie mgħammed miz-ziju tiegħu Don Lorenzo Frendo Rossi fil-Kolleġġjata tal-Isla. Gerolamo kien l-ewwel wild minn seba' tfal. Il-ġenituri tiegħu kienu Salvatore Darmanin u Mary Anna Frendo, li żżewġu fil-Knisja Kolleġjali tal-Isla fil-21 ta' Awwissu, 1833. Dak iż-żmien, il-familja Darmanin kienet tgħix f'174, Strada Due Porte, l-Isla. Minbarra l-isem Gerolamo, ingħata l-ismijiet ta' Giuseppe, Lorenzo, Michaele, Felice, Filippo u Vittorio. Il-Parrinijiet tiegħu kienu Gerolamo Frendo, missier ommu, u Maria Darmanin, omm missieru, it-tnejn mill-parroċċa tal-Isla.

Ir-rabta ta' Ġlormu Darmanin ma' l-Isla qatt ma ntilfet. Fis-27 ta' Lulju 1856, huwa żżewweġ lil Gasparina Demajo, bint ta› Melchiore u Domenica Debattista, u marru jgħixu f'numru 10, Strada

Vittoria, l-Isla. Huma kellhom erbat itfal, Amelia, Giuseppina, Giuseppe u Ester Maria.

Ġlormu ġej minn familja ta› artisti. Missieru, Salvatore kien skultur magħruf għall-istatwi tal-irħam ta' fuq il-qobra filwaqt li zijuh kien Carlo Darmanin, magħruf bħala l-prinċep tal-istatwarji. Hawn ta' min ifakkar li Carlo Darmanin għandu rabta speċjali mal-Venerabbli Konfraternità tal-Beata Verġni Immakulata ta' Lourdes għax kien hu li għamel l-istatwa artistika tal-Beata Verġni Immakulata ta' Lourdes.

Ferm qabel ma' Ġlormu Darmanin sar sinonimu mal-produzzjoni tal-istatwi, il-kunjom ta' Darmanin kien l-aktar assoċjat ma' xogħlijiet fl-irħam. Id-ditta G. Darmanin e Figli, imsejħa wara Giuseppe Darmanin, bdiet fl-Isla fl-1708 u kompliet tipproduċi xogħlijiet għal mill-inqas żewġ sekli. Dan jikkonferma l-kwalità għolja u s-suċċess li kisbet din il-marka. Il-familja Darmanin kellha l-uffiċċju tagħha f'numru 45, Strada Levante, il-Belt Valletta, u wara f'numru 532, Strada Reale, Via San Giuseppe, il-Ħamrun.

Id-ditta pproduċiet xogħlijiet bħall-altar u l-fonti tal-magħmudija fil-knisja parrokkjali ta' Ħal Lija u l-lavabo fis-sagristija ż-żgħira tal-knisja parrokkjali tal-Isla. Huma kienu wkoll kommissjonati b'xogħlijiet sekulari u pubbliċi. Fost dawn insibu l-art tat-tliet kurituri fil-piano nobile tal-Palazz fil-Belt Valletta u l-qabar tal-Onor. John Hookham Frere, diplomatiku Ingliż u awtur li miet fis-7 ta' Jannar, 1846fil-Villa Frere fil-Pietà, li jinsab midfun fiċ-ċimiterju tal-Bastjun tal-Imsida. Kien għalhekk naturali li mit-tfulija tiegħu, Ġlormu Darmanin jitħabbeb ma' dan it-tip ta' xogħol. Huwa beda jagħti l-għajnuna tiegħu fil-kumpanija u eventwalment beda jagħmel xogħol simili.

Bejn l-1 ta' Mejju u l-15 ta' Ottubru 1851, G. Darmanin e Figli ħadu sehem fil-Wirja tax-Xogħlijiet tal-Industrija tan-Nazzjonijiet kollha li saret fi Crystal Palace f'Londra. Din l-ewwel serje ta' esibizzjonijiet li turi l-kultura u l-industrija ta' ħafna pajjiżi fid-dinja kienet organizzata mir-Royal Society għall-Inkoraġġiment tal-Arti, Manifattura u Kummerċ.

Bla dubju, il-parteċipazzjoni tad-ditta Darmanin f'wirja ta' dan il-kalibru kkonfermat il-prestiġju li din l-impriża kienet tgawdi matul is-seklu dsatax. Waqt din il-wirja, id-ditta rebħet medalja għall-uċuħ tal-mwejjed magħmula mill-irħam. Id-disinn u t-teknika użati ġew imfaħħra minn ħafna.

Ġlormu Darmanin attenda wkoll għall-din il-wirja. Madankollu, kuntrarju għal dak li wieħed jista› jistenna, ir-rwol tiegħu ma kellu xejn x'jaqsam mal-ħidma tal-irħam iżda ma' qasam li għalih id-ditta ma tantx kienet magħrufa, jiġifieri l-iskultura ta' statwi fix-xemgħa. Sakemm kellu 17-il sena, Ġlormu kien diġà għamel erba' statwetti bħal dawn, li minnhom tnejn kienu tal-kaptani kbar Jean de la Valette u Marc'Antonio Zondadari. Il-ġurija kkummentat li x-xogħol tiegħu laħaq livell għoli ta' eċċellenza.

L-istatwi tax-xemgħa maħdumin bl-idejn ta' Darmanin ma kinux ta' darba. Pjuttost, l-iskultura tax-xemgħa tidher li kienet għall-qalbu ħafna, u qasam li fih kompla jiżviluppa ħilietu. Biżżejjed ngħidu li bejn il-15 ta' Mejju u l-15 ta' Novembru 1855, ħa sehem, permezz tal-kumpanija Darmanin, fil-Wirja Internazzjonali ta' Pariġi. Ix-xogħlijiet esebiti mill-kumpanija kienu kkunsidrati superjuri għal dawk murija f'wirjiet preċedenti. Waqt il-wirja, id-ditta pproduċiet xogħlijiet tal-irħam, filwaqt li Ġlormu Darmanin għal darb'oħra ippreżenta sett ta' figurini tax-xemgħa.

Minkejja dan, Ġlormu ipproduċa wkoll xogħlijiet maħduma fl-irħam. Fost il-ħafna xogħlijiet fl-irħam, fl-1858 insibu li ħadem il-monument għall-konċessjonarju Lorenzo Farrugia Bugeja. Dan ix-xogħol, li jixbah il-mużajk, ġie meqjus bħala tal-ogħla livell. Dan il-monument li oriġinarjament kien jifforma parti mill-art tal-kappella tas-Sagrament fil-Kolleġġjata ta' San Pawl fil-Belt Valletta, illum jinsab fil-kuridur li mis-sagristija iwassal għall-kor wara l-altar prinċipali tal-knisja. Mill-kuntratt oriġinali ta' dan il-monument li jinsab fl-arkivji notarili tal-gvern niskopru li fl-istess ħin, Darmanin kellu l-bottegin tiegħu f'numru 12, Strada Stretta, il-Furjana. Huwa probabbli, allura, li kien f'dan il-bottegin li għamel din il-biċċa xogħol tal-arti u li aktar minn hekk dan il-kuntratt jikkonferma li t-talent tiegħu kien tal-istess livell miksub mill-familja tiegħu matul is-snin.

L-arti ta' Ġlormu fl-istatwi tal-kartapesta kompliet tiffjorixxi fi żmien meta l-Knisja Kattolika kienet qed tistinka biex tippromwovi d-devozzjoni lejn San Ġużepp. Permezz tad-digriet tal-Kongregazzjoni ta' Riti Quemadmodum Deus (8 ta' Diċembru, 1870), San Pius IX ipproklama lil San Ġużepp bħala l-Patrun tal-Knisja Universali.

F'Malta, biex tiġi mmarkata din l-okkażjoni saru ċelebrazzjonijiet kbar u twaqqfu diversi fratellanzi ddedikati lil San Ġużepp. Għalhekk, ġew ikkummissjonati numru ta' statwi li jirrappreżentaw dan il-qaddis, il-kustodju tat-tfajjel Ġesù. Darmanin, diġà magħruf għall-arti statwarja tiegħu intalab jagħmel numru ta' statwi tal-Qaddis fil-kartapesta.

Fost dawn insibu statwa mill-isbaħ ivvenerata fil-knisja parrokkjali ta' Ħaż-Żebbuġ, li hija taħt il-kustodja tal-fratellanza mwaqqfa ad unur San Ġużepp f'din il-Belt f'Mejju 1741. L-istatwa kienet ikkommissjonata fl-1869.

Fl-10 ta 'Jannar, 1666, twaqqfet il-fraternità

taħt il-protezzjoni ta' San Ġużepp fl-Isla. Sal-1879, Darmanin kien ħadem statwa tal-kartapesta ta' San Ġużepp għall-belt tiegħu. F'din l-istatwa, San Ġużepp u Ġesù bambin huma ta' Ġlormu Darmanin, iżda ż-żewġt anġli ġew magħmula minn xi ħadd ieħor. Ir-raġuni għal dan kienet il-mewt bikrija ta' Darmanin li ħalliet din l-istatwa mhux kompluta.

Din ma kinitx l-unika ħidma importanti li Darmanin ħadem għal-Belt twelidu. Fl-1870, għamel l-istatwa tal-kartapesta ta' Ġuditta għall-festa tan-Nativitá tal-Madonna ċċelebrata fl-Isla. Din l-istatwa kienet l-ewwel statwa li bdiet tintuża għat-tiżjin fit-toroq waqt il-festi f'Malta.

Minbarra ż-żewġ statwi ta' San Ġużepp fl-Isla, Ħaż-Żebbuġ u fin-Naxxar, x'aktarx li l-istatwi ta' dan il-qaddis li jinsabu fil-parroċċi tal-Ħamrun, il-Furjana u Ħaż-Żabbar ħarġu wkoll mill-idejn kapaċi ta' Ġlormu Darmanin. Billi tqabbel ċerti dettalji, bħall-pożizzjoni tal-minkeb, l-inklinazzjoni ta' ras San Ġużepp u t-tarbija, u d-drapp voluminuż tal-mantel u l-libsa, wieħed jasal jikkonkludi li dawn kienu kollha ħidmiet tiegħu.

Darmanin għamel ukoll statwi Marjani. Fost dawn hemm dik tal-Madonna tal-Ċintura fil-Bażilika tal-Għarb, il-Madonna tad-Duttrina fil-knisja parrokkjali ta' Ħal Tarxien u l-Madonna tal-Qalb ta' Ġesù, vvenerata fil-knisja parrokkjali ddedikata lilha f'tas-Sliema.

Nhar il-Ħadd 3 ta 'Awwissu 1879, fis-7.45am, Ġlormu Darmanin miet fid-dar tiegħu fl-Isla, li f'dak iż-żmien kienet f'numru 79, Strada Due Porte. Huwa kellu biss 45. L-għada fis-7.00am kien midfun fiċ-Ċimiterju ta' Santa Marija Addolorata.

M'hemmx dubju li Gerolamo Darmanin jistħoqqlu jkun magħruf u rikonoxxut aħjar. Dan mhux biss għax l-attività tiegħu bħala statwarju turi li kien wieħed mill-aħjar f'pajjiżna, iżda wkoll minħabba li fi ħdan id-ditta G. Darmanin e Figli, waħda mill-impriżi Maltin l-aktar prestiġjużi u popolari, kien pratogonist formidabbli.

Il-parteċipazzjoni wiesgħa tiegħu f'wirjiet barra l-pajjiż tixhed il-virtwożità tiegħu. Ix-xogħol li huwa ppreżenta għall-esibizzjonijiet huma evidenza tat-talent u l-imħabba li kellu għall-iskultura, tant li, x›aktarx, kien hu li beda x-xogħol fl-arti figurattiva fost il-membri tal-familja Darmanin. Dan kien fl-1851, billi għamel użu mix-xemgħa.

Gerolamo Damanin, raġel imfaħħar għall-ħila kbira tiegħu bħala skultur u statwarju ta' reputazzjoni għolja, għamel isem għalih innifsu u ta ġieħ lill-belt nattiva tiegħu, l-Isla.

**Festa ta' San Filippu Neri**

Il-Kappillan Xuereb ħaseb ukoll biex jibda jorganizza l-Festa ta' San Filippu Neri. Din bdiet issir fir-raba' Ħadd ta' Mejju biex tkun viċin is-26 ta' Mejju li hija l-ġurnata tal-festa liturġika. Fil-knisja Parrokkjali tal-Qrendi kienu jiġu organizzati tlett ijiem tridu u l-Ħadd kienet issir quddiesa kantata solenni bil-paniġierku fuq il-qaddis. Saru wkoll testmenti li fihom dehret ir-rabta tal-Qrendi ma' San Filippu Neri. Nicola u Angelo Bondin ħallew legat ta' £4-1s-3 2/4d fis-sena biex issir il-Festa ta' San Filippu Neri. L-aħwa Bondin iddisponew ukoll li dak li jifdal milli huma kienu se jħallu fit-testment kellu jservi bħala sussidju għall-ispejjeż tal-festa solenni tal-Beata Verġni Immakulata ta' Lourdes.

**140 Sena ta' Storja**

Tul dawn il-mija u erbgħin sena ta' ħidma fi ħdan il-Parroċċa tal-Qrendi, il-Konfraternità ta' Lourdes kellha mumenti sbieħ kif ukoll mumenti ta' sofferenza. Fid-9 ta' Awwissu 1935, il-Konfraternità ġiet inġustament sospiża mill-funzjonijiet tagħha fi żmien il-Kappillan Dun Elia Spiteri u l-Aċisqof Dun Mauro Caruana. Għalhekk il-kult lejn San Filippu Neri twaqqaf ħesrem. Wara 23 sena, eżattament fis-7 ta' Lulju 1958 is-sospensjoni minn fuq il-Konfraternità ta' Lourdes ġiet imneħħija. Madankollu l-istatwa ta' San Filippu Neri, protettur tal-Konfraternità ta' Lourdes, li kienet saret sabiex toħrog proċessjonalment mal-istatwa artistika tal-Beata Verġni Immakulata ta' Lourdes ma baqgħetx tintuża. Sfortunatament, il-Festa ad unur San Filippu Neri wkoll ma baqgħetx issir.

Fl-1972, il-Kappillan Dun Karm Attard neħħa l-istatwa ta' San Filippu Neri mill-post tagħha fil-Knisja u tpoġġiet fl-umdità fis-sagristija fl-aktar post mistur li wieħed jista' jsib fil-Knisja. Illum din il-ġawhra artistika u l-pedestall tagħha jinsabu f'kundizzjoni ħazina ħafna imma b'xorti tajba din l-istatwa qatt ma ġiet mimsusa, u allura għadna nistgħu ngawdu l-indurar u l-kuluri kollha oriġinali tagħha. Hija ħasra li statwa ta' valur u devozzjoni daqstant kbira tinsab f'dan l-istat.

Matul iċ-ċelebrazzjonijiet li qed nagħmlu din is-sena f'għeluq l-400 sena mit-twaqqif tal-Parroċċa Santa Marija tal-Qrendi, wieħed għadu jinnota li l-assoċjazzjoni ta' dan il-qaddis daqstant maħbub mal-Venerabbli Konfraternità tal-Beata Verġni Immakulata ta' Lourdes għadha ħajja. Min-naħa l-oħra, sfortunatament il-kult u t-tradizzjonijiet li daħħal il-Kappillan Xuereb fil-Parroċċa tal-Qrendi ma nistgħux ngħidu li baqgħu l-istess.